MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 671/1997/1

Emanuel **SPITERI**

vs

**G.S.C. CO. LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-21 ta' Marzu, 1997, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (a) ssib li l-kumpannija mħarrka waħedha taħti għall-inċident li seħħ waqt il-qadi tax-xogħol li tqabbad jagħmel f'dar fl-Imtarfa mill-kumpannija mħarrka fit-23 ta' Awissu, 1994, meta huwa korra f'idu l-leminija waqt il-qadi tax-xogħol tiegħu magħha u, minħabba f'hekk, ġarrab

leżjonijiet gravi u permanenti; (b) tillikwida d-danni mġarrbin mill-atturi minħabba f'hekk, jekk meħtieġ billi taħtar periti biex jaslu għal tali likwidazzjoini; u (ċ) tikkundnna lill-kumpannija mħarrka tħallsu d-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fit-3 ta' Ġunju, 1998 li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi warrbet kull ħtija minn fuqha għal dak li ġralu l-attur u seħqet li lanqas ma kien minnu li l-attur qiegħed ibati minn debilita' li ma tgħaddix minħabba f'dak l-inċident;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-20 ta' Jannar, 1999[1], li bih ħatret lill-konsulent ortopediku Anthony Bernard bħala perit mediku biex jeżamina lill-attur u jgħid jekk ġarrabx tassew ġrieħi u ħsara li ma jgħaddux;

Rat ir-Relazzjoni tal-espert mediku mressqa fit-13 ta' Novembru, 2000[2], u minnu maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tat-12 ta' Jannar, 2001;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet bil-mezz tal-affidavit;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fit-30 ta' Novembru, 2004[3];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fid-29 ta' April, 2005[4];

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukat tal-atturi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

---

[1] Paġ. 33 tal-proċess
[2] Paġġ. 51 – 2 tal-proċess
[3] Paġġ. 106 – 9 tal-proċess
[4] Paġġ. 115 – 6 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal danni minħabba korriment waqt ix-xogħol. L-attur kien jaħdem bħala *aluminium fitter* mal-kumpannija mħarrka (minn issa 'l quddiem imsejħa "GSC") u fit-23 ta' Awissu, 1994, indarab waqt li kien qiegħed iliġġem mal-armar ta' vann tal-kumpannija numru ta' ħġieġ maħsub biex jitwaħħal ma' aperturi. Minħabba li b'riħet l-imsemmi inċident baqa' jġorr l-effett tal-ġrieħi mġarrba u jqis li għal dak l-inċident kienet taħti GSC hu jippretendi li hija tagħmel tajjeb għad-danni minnu mġarrba u fetaħ din il-kawża għaliex hija baqgħet tiċħad li kellha xi responsabbilta' għal dak li ġralu;

Illi GSC twarrab kull xilja ta' ħtija u tgħid li m'hijiex responsabbli għal dak li ġara. Tqanqal ukoll il-kwestjoni dwar jekk huwiex minnu li l-attur tassew għandux debilita' li ma tgħaddix minħabba dak l-inċident;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-attur kien impjegat ma' GSC sa minn Ġunju tal-1988. Xogħlu kien li jistalla u jwaħħal xogħol tal-aluminju li GSC tipproduċi. F'Awissu tal-1994 kien intbagħat ma' oħrajn biex iwaħħlu xi aperturi f'post fl-Imtarfa, iżda billi l-ħġiġiet tagħhom ma kinux għadhom lesti kienu marru għalihom f'maħżen fir-Rabat ta' fabbrika li tagħmel il-ħġieġ. Huwa u jorbot il-mazz tal-ħġieġ fuq il-kavallett (*rack*) ġo vann ta' GSC, l-irbit tqaċċat u wiċċ il-pala ta' id il-leminija tal-attur ingħafas ma' ponta ta' waħda mill-ħġieġ u l-attur indarab. Il-ġerħa kienet tiċrita fuq il-wiċċ ta' idu l-leminija[5]. Dak inhar l-attur kellu erbgħa u għoxrin (24) sena. Għall-ewwel, huwa ttieħed il-poliklinika, iżda wara li ddewwa, ttieħed l-isptar mill-imgħallem tiegħu biex isir stħarriġ mediku aħjar dwar dak li ġralu[6];

Illi bl-inċident l-attur inqatgħulu xi għeruq (*tendons*) u idu tqiegħdet fil-ġibs għal xi ġimgħat. Reġa' daħal lura għax-xogħol f'Novembru tal-istess sena u baqa' jingħata l-paga

---

[5] Relazzjoni perit mediku, f'paġ. 52 tal-proċess
[6] Affidavit ta' John Calleja, f'paġ. 63 tal-proċess

sħiħa sakemm dam 'il barra mix-xogħol. Huwa jgħid li baqa' jħoss uġigħ f'idu, ma jistax iħaddem għal kollox xi swaba' tal-istess id, u naqaslu ċ-ċaqliq ħieles tal-polz ta' driegħu l-leminija[7];

Illi f'Awissu tal-1996, l-attur interpella lil GSC b'att ġudizzjarju biex tersaq għal-likwidazzjoni tad-danni. Il-kawża nfetħet f'Marzu tal-1997. Tliet xhur wara, ħalla l-impieg minn ma' GSC u daħal jaħdem bħala "*security officer*" ma' prinċipal ieħor sa minn Settembru tal-1997[8];

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> f'dan il-każ jirrigwardaw l-aspett dwar responsabbilta' għal dak li ġara. F'din il-kawża, ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar il-fatt li l-inċident ma ġarax fil-bini tal-kumpannija imma li seħħ barra mill-imsemmi ambjent iżda waqt li l-attur kien fuq xogħol għal GSC. Hemm qbil li l-inċident seħħ u li l-attur indarab f'idu u fi driegħu. Dwar dan l-aħħar fatt, wieħed mid-diretturi nfushom ta' GSC jistqarr li kien hu li ħa lill-attur l-isptar u li kien hu li mela l-formola meħtieġa bit-tagħrif tal-inċident għall-finijiet tat-talba tal-attur għall-benefiċċju tal-korriment taħt l-Att dwar is-Sigurta' Soċjali;

Illi illum il-ġurnata huwa maqbul bla kwestjoni ta' xejn li r-regoli li jorbtu lill-imgħallem biex iħares lill-ħaddiema tiegħu minn kull korriment jew ħsara jgħoddu, mhux biss sakemm dawk il-ħaddiema jkunu jinsabu fil-post tax-xogħol tal-imgħallem, iżda daqstant ieħor f'kull post fejn il-ħaddiema jkunu ntbagħtu jaħdmu mill-istess imgħallem tagħhom[9] u waqt il-ħin ta' dak ix-xogħol[10]. Għalhekk, fil-każ tal-lum, dak li ġara jaqa' sewwa fil-parametri tal-kwestjoni dwar ir-responsabbilta' li l-imgħallem għandu għall-ħarsien ta' saħħet dawk li jaħdmu għalih;

Illi dak li l-partijiet ma jaqblux fuqu huwa dwar il-mod kif ġara l-inċident. L-attur u x-xhieda tiegħu jgħidu li l-

---

[7] Ara Dok "A", f'paġġ. 5 – 6 tal-proċess
[8] Dok "ESA", f'paġ. 95 tal-proċess
[9] Ara, per eżempju, P.A. TM **20.4.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Mayer Scicluna vs TN Waterproofing Limited***
[10] Ara, per eżempju, P.A. LFS **30.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***John Barbara vs Airmalta p.l.c.*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-26.3.2010)

inċident seħħ hu u jintrabat mazz ħġieġ mal-kavallett tal-vann. Kemm l-attur u sieħbu li kien miegħu dak il-ħin – wieħed Robert Brincat – jgħidu li dan ġara għaliex il-ħabel li bih kienu qegħdin iliġġmu l-mazz inqata' għax kien mherri u id l-attur iżżerżqet fuq ix-xifer tal-mazz tal-ħġieġ u ċarrtitlu l-wiċċ ta' idu. Ix-xifer kien jaqta' ħafna. Dawn iż-żewġ xhieda jagħtu stampa tixxiebah tal-ġrajja, u, ta' min jgħid, kienu t-tnejn ħdejn xulxin hekk kif ġara l-każ[11]. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha toqgħod fuq il-verżjoni ta' xhud ieħor imressaq mill-attur – wieħed Jason Borġ[12] – li jgħid 'jiftakar' li l-inċident seħħ fil-"*workshop*" tal-fabbrika fejn hu nnifsu kien qiegħed jaħdem u li l-attur kien qiegħed jgħabbi xogħol ta' aperturi tal-aluminju fuq trakk!;

Illi, min-naħa l-oħra, huwa fatt li x'ħin seħħ l-inċident ma kien hemm l-ebda uffiċjal ta' GSC fil-post fejn ġara dan kollu. John Calleja nnifsu jistqarr li dak li huwa kiteb fil-formola NI30 kien mibni fuq il-verżjoni li tah l-attur dak inhar tal-inċident. Minn dan ir-rigward, huwa l-attur waħdu u sieħbu li kien miegħu – l-imsemmi Robert Brincat – li raw tassew x'ġara. Madankollu, l-Qorti f'dan il-każ trid toqgħod b'seba' għajnejn dwar id-dinamika tal-inċident. Kif ingħad, kemm l-attur u kif ukoll Brincat li kien miegħu, jgħidu li l-inċident inqala' waqt li l-attur kien qiegħed jorbot il-mazz tal-ħġieġ mal-kavallett tal-vann u l-ħabel inqata' hu u jintrass mal-mazz. Ir-rappreżentanti ta' GSC jisħqu li din il-verżjoni tal-ħabel li ntreħa għax mherri ssemmiet biss lilhom wara li nfetħet il-kawża. John Calleja jgħid[13] li l-verżjoni tal-inċident semagħha mingħand l-attur innifsu u dan kien reġa' tenniha għadd ta' drabi wara bla ma qatt semma l-istorja tal-ħabel. Mhux hekk biss, imma Calleja jżid jgħid ukoll li l-verżjoni msemmija fil-formola tad-dipartiment kienet rendikont fidil ta' dak li qalulu l-attur u Brincat u l-istess attur kien iffirma dik il-verżjoni (għalkemm fl-aħħar xhieda tiegħu[14] huwa jiċħad li l-firma fuq dik il-formola hija l-firma tiegħu) bla ma oġġezzjona;

Illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha, GSC tisħaq li l-attur naqas li juri li kienet hi li taħti għal dak li ġralu, anzi

[11] Dok « RB1 », f'paġ. 38 tal-proċess
[12] Affidavit tiegħu 23.3.2001, f'paġ. 58 tal-proċess
[13] Xhieda tiegħu fil-kontro-eżami f'paġ. 88 tal-proċess
[14] 12.10.2004, f'paġ. 100 tal-proċess

timplika li l-attur ġab dak li ġralu b'idejh. Dan ifisser li l-Qorti trid tara jekk kemm-il darba l-attur seħħlux jippruva li tassew li dak li ġara trid twieġeb għalih GSC. Il-Qorti għalhekk sejra tistħarreġ il-kwestjoni tar-responsabbilta' qabel kull ħaġa oħra;

Illi l-Qorti tibda biex tgħid li fejn jidħol korriment (jew mewt) waqt il-qadi tax-xogħol li wieħed ikun tqabbad jagħmel, il-prova tar-responsabbilta' ta' dik il-ġrajja xorta waħda taqa' fuq min ikun indarab (jew dawk li jiġu minnu). Il-fatt waħdu li persuna tkorri (jew tmut) fuq il-post tax-xogħol ma tfissirx awtomatikament it-tqegħid tar-responsabbilta' fuq l-imgħallem u l-ħelsien għal kollox tal-parti midruba mill-ħtieġa li tipprova l-allegazzjoni tagħha. Dan hu skond ir-regola ewlenija tad-dritt proċedurali li min jallega jrid jipprova bl-aħjar mod li titlob il-liġi[15]. Tal-anqas, il-parti attriċi tkun trid turi tajjeb biżżejjed li seħħ dak l-inċident u li min-naħa tagħha (jew l-awtur tagħha) jkun sar dak kollu li juri li dak li ġara ma jkunx inġab b'idejn dak li jkun;

Illi, madankollu, dak il-piż jaf il-limitazzjonijiet tiegħu minħabba li, fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli speċjali dwar dak li jseħħ meta ħaddiem jew terza persuna ġġarrab inċident bħal dak. Bit-tħaddim tar-regoli ġenerali tal-liġi dwar ir-responsabbilta' għal dak li wieħed irid iwieġeb għalih minħabba xi għamil jew nuqqas tiegħu, is-sejbien ta' ħtija għal inċident bħal dak jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh[16];

Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu (dak li bosta jsejħulu "*a safe system of work*") fejn ikun sejjer isir

---

[15] Art. 562 tal-Kap 12
[16] App. Ċiv. **9.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Ronald vs Polibon Construction Ltd.***

ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbilta' fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa[17] u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiem[18];

Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbilta' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurta' tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq[19], u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti[20] u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel[21]. Hemm fehma li dawk ir-responsabbiltajiet fuq l-imgħallem iwasslu sal-punt li hu jrid jieħu b'qies ukoll il-fatt li, minħabba n-natura u r-repetitivita' tal-għamla tax-xogħol li jkun, ħaddiem jista' jsir traskurat jew distratt mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq[22];

Illi biex isir stħarriġ xieraq tad-dinamika dwar kif ikun seħħ inċident, jeħtieġ li l-Qorti tqis l-"ambjent kollu tal-post tax-xogħol"[23], jiġifieri mhux biss tal-makkinarju jew l-impjant li fuqu jew bih ikun qiegħed jitwettaq ix-xogħol magħżul, imma saħansitra l-mod kif ikun qed jitwettaq ix-xogħol u l-ambjent li fih il-ħaddiem involut ikun tqiegħed jaħdem mill-imgħallem tiegħu. F'dan l-aħħar qasam issir ta' siwi kbir l-għamla ta' superviżjoni li tkun qiegħda tingħata lill-ħaddiema fit-twettiq tax-xogħol li jkun għaddej;

---

[17] Art. 6(2) tal-Kap 424
[18] Art. 6(3) tal-Kap 424
[19] Art. 7(1) tal-Kap 424
[20] Art. 7(2) tal-Kap 424
[21] P.A. RCP **30.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Farruġia vs Elbros Construction Ltd.***
[22] Kumm. **9.9.1981** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Borġ vs George Wells et noe*** (mhix pubblikata)
[23] App. Ċiv. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Christian Buġeja vs Dr. Gerald Montanaro Gauċi noe***

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum, x'ħin inqala' l-inċident, l-attur u Brincat ma kinux taħt sorveljanza ta' xi superjur tagħhom. Huwa minnu li, fil-għamla ta' xogħol li l-attur kien jitqabbad jagħmel (jiġifieri l-ġarr tal-materjal biex jitqiegħed fil-post), ġeneralment ma kien ikun hemm l-ebda sorveljanza, minħabba li l-attur kien "espert" f'dak it-tip ta' xogħol u kien ilu s-snin jagħmlu waħdu u b'rajh f'idejh. Jidher li l-attur kien jagħmel dan ix-xogħol ukoll sa minn żmien qabel daħal jaħdem ma' GSC. Hemm ukoll il-fatt li, sakemm GSC kienet għadha tagħmel xogħlijiet fl-aluminju, kienet tħaddem għadd ċkejken ta' impjegati f'dik il-fergħa ta' xogħol. Għalkemm f'dan ir-rigward, wieħed jistenna li fejn azjenda jkollha għadd żgħir ta' ħaddiema s-sorveljanza jmissha tkun aktar b'reqqa u personali fuq il-ħaddiema tagħha, jiġri wkoll li fejn xogħol "ta' rutina" jitwettaq barra minn ħaddiema li jkunu midħla tiegħu, il-grad ta' sorveljanza jonqos, l-aktar fejn il-ħaddiem li jkun ikollu aktar esperjenza u jkun iżjed ta' sengħa mill-prinċipal tiegħu. F'dan il-każ, għalhekk, il-Qorti m'hijiex sejra tqis in-nuqqas ta' preżenza fiżika ta' superjur mibgħut min-naħa ta' GSC bħala ksur ta' obbligu tagħha fir-rigward tal-attur;

Illi, mbagħad hemm il-kwestjoni tal-ħabel li żżarrat. Id-diretturi ta' GSC jippruvaw jitfgħu l-kwestjoni fuq l-attur b'żewġ modi: l-ewwel nett billi jitfgħu dubju dwar jekk kienx tassew minnu li l-attur indarab sewwasew minħabba li nqata' l-ħabel tal-irbit; fit-tieni lok, billi jgħidu li, f'kull każ, kien imħolli fir-responsabbilta' tal-attur li jieħu ħsieb li jibdel u jixtri l-ħbula li jkunu meħtieġa għall-irbit meta dawn jew jintilfu jew jitherrew b'mod li ma jkunux tajbin aktar għax-xogħol li huma maħsuba għalih;

Illi l-Qorti jidhrilha li għalkemm dan l-episodju jista' jkun determinanti għall-finijiet tad-dinamika tal-inċident, jaf ma jkunx daqshekk rilevanti għall-kwestjoni tar-responsabbilta' aħħarija. Huwa minnu li l-attur jaqbel[24] li fost ix-xogħlijiet li kien jingħata jagħmel (minbarra dak ewlieni li jistalla l-aperturi tal-aluminju għand il-klijenti ta' GSC) kien hemm dak li jieħu ħsieb il-manutenzjoni tat-

[24] Xhieda tiegħu fil-kontro-eżami, f'paġ. 98 tal-proċess

tagħmir u tal-vannijiet tal-kumpannija. Jistqarr ukoll[25] li jaf li l-użu ta' ħbula mherrija fl-irbit tax-xogħol fil-vannijiet jiftaħ lil dak li jkun għal periklu. Rappreżentanti ta' GSC jisħqu li x-xiri u l-bdil tal-ħbula kien xogħol li kien jaqa' fid-dmirijiet tal-attur, bħala l-persuna li tkun imqabbda fuq xogħol barra l-fabbrika. Biex tkompli tgħaqqad, fl-istess kontro-eżami tiegħu, l-attur wasal biex saħansitra qal li "jekk ma jkollokx biex taħdem, trid tinqeda b'li hemm"[26]. Fil-fehma tal-Qorti, dan huwa atteġġament li jżid il-possibilita' li bniedem ikorri fuq xogħlu (u jħajjar lil min iħaddmu biex ifarfar mir-responsabbiltajiet tiegħu), għaliex sakemm ħaddiem ma jkunx imġiegħel jinqeda b'għodda jew tagħmir li jingħata, m'għandux jaċċetta li jaħdem u jinqeda b'għodod u tagħmir li ma jkunux tajba għax-xogħol li jitqabbad jagħmel;

Illi, madankollu, din il-Qorti ma taħsibx li din iċ-ċirkostanza hija tassew dik li dwarha jmissha toħroġ is-soluzzjoni tar-responsabbilta' tal-inċident. Dan qiegħed jingħad għaliex, fl-ewwel lok, il-qtugħ tal-ħabel ma kienx ikun determinanti li kieku l-attur kien liebes ingwanti xierqa li jħarsu jdejh minn kuntatt dirett mal-mazz tal-ħġieġ. Fit-tieni lok, għaliex ix-xiri u l-bdil tal-ħbula (bħalma hu l-każ ukoll tax-xiri u l-bdil ta' wħud mit-tagħmir) kien dejjem jiddependi minn awtoriżżazzjoni min-naħa ta' GSC[27]. Fit-tielet lok, għaliex GSC tistqarr[28] li lill-ħaddiema tagħha fuq il-linja tax-xogħol tal-aluminju ma kinitx tathom ingwanti jew ilbies protettiv[29]. Dan huwa nuqqas radikali min-naħa tal-kumpannija mħarrka u ma tiswa xejn l-iskuża ta' mgħallem li jgħid li qatt qabel ma kien kellhom xi inċident bi qtugħ ta' ħbula jew li "ħadd ma ġibidli l-attenzjoni li (l-ħbula) kienu difettużi"[30]. Daqstant ieħor ma tiswiex l-iskuża li mgħallem jgħid li l-impjegati tiegħu ma jkunx talbuh ifornihom b'ilbies protettiv. Tkun agħar jekk jonqos li jipprovdih, minkejja li jkun ilu jintalab jagħmel dan[31]. Min-naħa l-oħra, li kieku kienet tathom l-ingwanti u jirriżulta li l-attur naqas li jilbishom, l-istorja kienet tkun mod ieħor u

[25] *ibid*
[26] *Ibid.*, f'paġ. 99 tal-proċess
[27] Xhieda ta' Reuben Calleja, f'paġġ. 83 u 91 tal-proċess
[28] Xhieda ta' John Calleja, f'paġ. 89 tal-proċess
[29] Ara wkoll ix-xhieda ta' Robert Brincat f'paġ. 38 tal-proċess
[30] Xhieda ta' John Calleja, f'paġ. 64 tal-proċess
[31] Xhieda tal-attur, f'paġ. 24 tal-proċess

hemm kienet tidħol il-kontributorjeta' fl-attur. U, fir-raba' lok, għaliex m'huwiex sewwa li mgħallem jitħalla jistaħba wara l-fatt li ħaddiem ikun inqeda b'għodda jew tagħmir difettużi bla ma jilminta dwar dan mal-imgħallem tiegħu[32];

Illi għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn iċ-ċirkostanzi kollha juru li l-ħtija tal-inċident li ġarrab l-attur kienet ta' GSC u dan minħabba li hija naqset minn wieħed mill-obbligi ewlenin tagħha lejh;

Illi l-Qorti ssib li kien hemm rabta kawżali bejn il-ħtieġa tar-responsabbilta' ta' GSC li tiżgura li l-ebda ħaddiem mitlub li jagħmel ix-xogħol li kellu jsir ma jinġab f'qagħda li jkorri u l-effett ta' n-nuqqas ta' twettiq ta' dik ir-responsabbilta' billi kien magħruf minn qabel li kien hemm riskju u li dak ir-riskju seta' jkun evitat. Dak l-effett huwa l-korriment li ġarrab l-attur;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal ukoll għall-fehma li GSC hija responsabbli għall-inċident mertu tal-każ u trid tagħmel tajjeb għall-ħsara li l-attur seta' ġarrab minħabba fih;

Illi, għalhekk, l-ewwel talba attriċi sejra tintlaqa';

Illi għal dak li jirrigwarda <u>l-likwidazzjoni tad-danni</u> li jistħoqqlu jiġbor l-attur, huwa qiegħed jippretendi kemm kumpens għal infieq magħmul minnu minħabba l-inċident (*damnum emergens*) u kif ukoll kumpens għal telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*). Jirriżulta wkoll li, sakemm l-attur dam 'il bogħod mix-xogħol waqt iż-żmien li kien korrut, ingħata l-paga kollha li kien imissu jaqla'[33];

Illi dwar il-pretensjonijiet tal-attur dwar telf imġarrab, huwa ressaq riċevuti[34]. Dawn jirrigwardaw żjajjar mediċi u nfiq ta' mediċini u jitilgħu għas-somma ta' € 222.92 b'kollox. Ma jidhirx li GSC kienet ikkontestat dan l-ammont għaliex jirriżulta li kienet ressqet talba mal-assikuratriċi tagħha li

---

[32] Ara P.A. JA **28.6.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony D'Anastasi vs Korporazzjoni Enemalta***
[33] Affidavit ta' John Calleja, f'paġ. 64 tal-proċess
[34] Dokti « ES1 » sa « ES6 », f'paġġ. 26 sa 31 tal-proċess

aċċettat dik in-nefqa, għaddiet *cheque* lill-attur, imma dan, għal raġunijiet li jaf hu waħdu, ma kienx sarrfu[35];

Illi, għall-finijiet ta' likwidazzjoni tad-*damnum emergens* il-Qorti sejra tilqa' l-pretensjoni tal-attur bħala waħda pruvata kif imiss;

Illi għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans*, jibda biex jingħad li, kif ingħad qabel, dak inhar li seħħ l-inċident, l-attur kellu erbgħa u għoxrin (24) sena. Dak iż-żmien kellu paga bażika netta ta' Lm 2578[36] fis-sena meta dak iż-żmien l-inqas paga f'kull ġimgħa kienet ta' € 88.82. Illum, l-inqas paga fil-ġimgħa hija ta' € 152.29[37], li tiġi ftit anqas mid-doppju li kienet meta ġara l-inċident;

Illi jekk wieħed iqis il-kriterju tal-paga bażi taż-żmien ta' meta sar l-inċident u jżid magħha ż-żidiet li minn żmien għal żmien kien mistenni li dik il-paga kienet togħla kieku l-attur żamm l-impieg tiegħu ma' GSC, wieħed jasal biex ifassal medja ta' dħul fis-sena fl-ammont ta' tlettax-il elf euro (€ 13,000);

Illi b'riżultat tal-ġrieħi li ġarrab fl-inċident, l-attur jirriżulta li għandu debilita' ta' tnejn fil-mija (2%) kif stabilita mill-perit mediku. Dik is-sejba wasal għaliha f'Novembru tal-2000, jiġifieri 'l fuq minn sitt (6) snin wara l-inċident. Jidher li l-attur joqgħod fuq din is-sejba għaliex ma jsemmi xejn kontriha fis-sottomissjonijiet tiegħu, minkejja li kien qabbad konsulent tiegħu *ex parte* f'Awissu tal-1996[38] li tah grad ftit li xejn ogħla ta' debilita'. F'dan il-każ il-Qorti hija tal-fehma li jmissha toqgħod fuq il-konklużjonijiet tal-perit maħtur minnha;

Illi dwar l-għadd ta' snin li l-Qorti għandha tadotta minħabba t-telf ta' dħul għall-ġejjieni, marbuta mal-fattur ta' kemm kellu żmien l-attur dak inhar tal-inċident, il-Qorti sejra tadotta *multiplier* ta' tnejn u tletin (32) sena. F'dan il-każ, hija qiegħda żżomm quddiem għajnejha wkoll il-fatt li,

[35] Affidavit ta' John Calleja, f'paġ. 65 tal-proċess
[36] Li jġibu € 6,005.12 fis-sena jew € 115.50 fil-ġimgħa fi flus tal-lum
[37] A.L. 126 tal-1992 (L.S. 452.71) kif emendat minn żmien għal żmien
[38] Dok "A", f'paġġ. 5 – 6 tal-proċess

wara l-inċident, l-attur ingħata l-paga kollha dovuta lilu. Minbarra f'hekk, m'hijiex il-fehma tagħha li l-impieg li kellu l-attur ma' GSC kien tali li seta' jibqa' jagħmlu sal-eta' li jsemmi hu ta' 61 sena, u dan minħabba raġunijiet marbuta mat-toqol tax-xogħol li kien mistenni jagħmel meta mqabbla mal-eta' ta' dak li jkun;

Illi llum huwa aċċettat li l-kriterju ta' kif wieħed iqis il-kejl tal-*multiplier* huwa wieħed li jagħti diskrezzjoni lill-ġudikant, li huwa mistenni li jqis u jiżen iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fid-dawl ta' twettiq ta' eżerċizzju li jagħti kumpens b'ħaqq u mhux b'xi formulazzjoni empirika matematika[39];

Illi għal dak li jirrigwarda t-tnaqqis li s-soltu jsir mis-somma likwidata għaliex ikun se' jsir ħlas f'daqqa, f'dan il-każ wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li l-inċident seħħ fl-1994 u s-sentenza qiegħda tingħata llum. Fis-sottomissjonijiet tagħha, GSC tissottometti li l-Qorti għandha tikkunsidra tnaqqis ta' għaxra fil-mija (10%), u tgħid li m'għandhiex iġġorr waħedha l-piż li l-kawża damet ma nqatgħet. Huwa fatt ukoll li l-attur fetaħ il-kawża qrib tliet (3) snin minn dak inhar li seħħ l-inċident, u għalhekk dwar dak id-dewmien ma għandhiex tbati GSC;

Illi wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti ssib li għandu jsir tnaqqis mis-somma ta' għaxra fil-mija (10%);

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti tasal biex tillikwida d-danni li jmissu jitħallas l-attur fis-somma ta' sebat elef erba' mija u tmienja u tmenin euro (€ 7,488)[40] bħala *lucrum cessans.* B'kollox dan iġib li, magħdud tad-*damnum emergens*, l-attur jistħoqqlu kumpens ta' sebat elef seba' mija u ħdax-il euro (€ 7,711) b'kollox;

Illi għalhekk, it-tieni u t-tielet talbiet attriċi sejrin jintlaqgħu ukoll;

---

[39] P.A. JZM **13.7.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Jeffrey Caruana vs Carmel Montesin*** (appellata)
[40] € 13,000 x 32 x 0.02 x 0.9 = € 7,488

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-kumpannija mħarrka taħti għall-ġrieħi li l-attur ġarrab f'inċident li seħħ waqt il-qadi tax-xogħol tiegħu magħha fit-23 ta' Awissu, 1994, fir-Rabat u kif ukoll għad-debilita' li ma tgħaddix li l-attur għadu jbati minnha minħabba dawk il-ġrieħi;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrbin mill-attur fis-somma ta' sebat elef seba' mija u ħdax-il euro (€ 7,711);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-atturi l-imsemmija somma ta' sebat elef seba' mija u ħdax-il euro (€ 7,711) bħala danni likwidati minħabba l-imsemmi inċident, flimkien mal-imgħax legali fuq dik is-somma b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv u kif ukoll li hija tħallas l-**ispejjeż tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------